# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 17 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Nru. 29.**
**Citazz. Nru. 851/00 JRM**

**U.C.I.M. Company Limited.**

**vs**

**Nathan MARTIN.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni tal-4 ta' Mejju, 2000, li permezz tieghu is-Socjeta' attrici ppremettiet:

Illi l-konvenut kien impjegat mas-socjeta' attrici bhala salesman permezz ta' kuntratt ta' impieg iffirmat fid-9 ta' Ottubru 1997 (hawn anness bhala Dok. "A");

Illi l-imsemmi impieg gie terminat b'effett mill-14 ta' Frar, 2000;

Illi skond l-imsemmi kuntratt, apparti s-salarju, gie kontemplat illi l-konvenut kellu jircievi commissions fuq bejgh ta' karozzi u prodotti ancillari;

Illi dejjem kien intiz bejn il-partijiet illi s-sistema ta' commissions pagabbli seta' jinbidel mill-kumpanija, liema intendiment il-konvenut qieghed jinnega;

Illi skond il-kunttatt tieghu, il-konvenut kien intitolat illi jircievi commissions fuq bejgh ta' karozzi u prodotti ancillari pprokurati minnu;

Illi s-socjeta' attrici, buona grazzja taghha, kienet qed thallsu comission fuq il-vetturi u prodotti ancillari kollha (hlief ghal certi eccezzjonijiet) mibjugha mis-socjeta' attrici rrispettivament minn jekk il-bejgh kien gie prokurat mill-konvenut;

Illi l-konvenut illegalment ippretenda illi bi dritt kellu jircievi commissions fuq il-karozzi u prodotti ancillari kollha mibjugha mis-socjeta' attrici;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' attrici kellha d-dritt illi tvarja s-sistema ta' commissions pagabbli minnha lill-konvenut kif fuq spjegat u dana ghar-ragunijiet fuq premessi u ghal dawk rizultanti fit-trattazzjoni tal-kawza; u

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut kien intitolat ghal commissons fuq bejgh ta' karozzi u prodotti ancillari pprokurati minnu biss u mhux fuq il-bejgh tal-karozzi u prodotti ancillari kollha mibjugha mis-socjeta' attrici kif fuq spjegat u dana ghar-ragunijiet fuq spjegati u ghal dawk rizultanti fit-trattazzjoni tal-kawza;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tal-istess Socjeta' attrici, u d-dokument mehmuz maghha;

Rat inNota tas-27 ta' Gunju, 2000, li biha l- konvcenut ecepixxa illi:

1. Preliminarjament u minghajr pregudizzju, illi l-azzjoni tas-socjeta' attrici m'hijiex proponibbli u wisq anqas sostenibbli billi qeghda semplicement titlob konferma minn din l-Onorabbli Qorti ta' agir tas-socjeta' attrici u xejn aktar;

2. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas suespost l-azzjoni tas-socjeta' attrici m'hijiex proponibbli ghaliex is-socjeta' attrici naqset li tindika taht liema dispsosizzjoni tal-ligi Maltija qeghda tipprova tinkwadra l-azzjoni taghha;

3. Preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni tas-socjeta' attrici hija inammissibbli ghaliex s-socjeta' attrici qeghda tabbuza mill-procedura sabiex titlob parir legali jew interpretazzjoni lil din l-Onorabbli Qorti fuq materja li tifforma l-element essenzjali tat-talba li bhalissa tinsab quddiem it-Tribunal Industrijali fil-kaz numru 1428 fl-ismijiet inversi, u dan f'kamp fejn, skond il-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal Industrijali ghandha gurisdizzjoni esklussiva (u cioe' tkeccija ngusta);

4. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fil-ligi u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi *pacta sunt*

*servanda*, u ghaldaqstant il-kuntratt ezistenti bejn il-partijiet ma seta' qatt jigi varjat minghajr il-kunsens tal-konvenut;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra;

6. Illi l-konvenut m'ghandux ibaghti spejjez;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa tal-konvenut u l-lista tax-xiehda tieghu, u wkoll il-hames (5) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-Avukati tal-partijiet jittrattaw l-ewwel tliet (3) eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut;

Rat id-Degriet taghha tat-28 ta' Novembru, 2000, li permezz tieghu halliet il-kawza ghal-lum ghad-decizjoni dwar l-imsemmija tliet (3) eccezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi s-Socjeta' attrici fethet din il-kawza minhabba kwestjoni li nqalghet bejnha u l-konvenut mir-rabta ta' kuntratt ta' impieg ghal zmien indefinit li dan kellu maghha. L-imsemmi mpieg intemm, u dwar dan hemm proceduri quddiem it-Tribunal kompetenti. B'mod partikolari, il-kwestjoni kienet tirrigwarda l-hlasijiet ta' *commissions* li l-konvenut kien jisthoqqlu jiehu minhabba u fil-kors tal-impieg tieghu, u s-Socjeta' attrici qeghda titlob dikjarazzjoni li kellha l-jedd li tibdel is-sistema tal-ghoti tal-imsemmija kummissjonijiet u li tiddeciedi fuq liema bejgh kien jista' jistenna sehemu minn dawn il-kumissjonijiet;

Din il-kawza, ghalhekk, ma tirreferix ghall-kwestjoni ta' temm li mpieg tal-konvenut (liema kwestjoni taqa' fil- kompetenza

wahdanija tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tal-artikolu 28 tal-Kapitolu 266 tal-Ligijiet ta' Malta). Minbarra dan, hija kwestjoni li tqanqal dibattitu fuq rabta kuntrattwali li, sal-hin li nbdiet il-kawza, kienet intemmet diga;

Il-Qorti tifhem li huwa f'dan il-qafas li t-talba attrici ghandha tigi murija, hekk kif ukoll f'dan il-qafas ghandhom jitqiesu l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut;

Illi l-imsemmija tliet eccezzjonijiet preliminari kontra t-talbiet tas-Socjeta' attrici, fil-qosor, huma: (a) li l-azzjoni attrici ma tistax triegi ghax mhix ghajr titlob konferma ta' ghamil li s-Socjeta' attrici diga' hadet; (b) li l-azzjoni attrici ma tistax triegi ghax l-attrici ma semmietx fuq liema artikolu tal-ligi sejset l-istess azzjoni; u (c) li l-azzjoni attrici ma tistax triegi ghax mhix ghajr talba biex il-Qorti taghti parir jew interpretazzjoni dwar hwejjeg li jistghu jigu mfissra biss minn Tribunal specjali;

Illi jekk wiehed kellu jigbor l-istess tliet (3) eccezzjonijiet taht kuncett wiehed rilevanti, ghandu jsib li dawn kollha jduru madwar il-kwestjoni tal-interess guridiku fis-Socjeta' attrici li tressaq il-kawza kif formulata kontra l-konvenut;

Jibda biex jinghad li mkien fil-ligi tal-procedura m'hemm imsemmi li biex attur jista' jressaq pretensjoni f'kawza, bilfors irid isemmi taht liema disposizzjoni tal-ligi qieghed jaghmel dan. L-artikolu 156(1) tal Kap 12 ifisser bl-akbar semplicita' u kjarezza x'inhuma l-elementi essenzjali li ghandhom jikkostitwixxu l-att tac-Citazzjoni. Fis-sewwa jinghad li jekk l-attur jaghzel li jsemmi d-disposizzjonijiet li tahthom ikun qieghed iressaq il-kawza tieghu, dan ikun qieghed izid ma' dak li huwa mehtieg. Dak li l-ligi tesigi huwa t-"tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba";

Illi, dwar it-tieni eccezzjoni, il-konvenut jghid li, minhabba li s-Socjeta' attrici ma semmietx l-artikolu tal-ligi li fuqu bniet il-kaz taghha, dan jirrendi l-kawza "improponibbli". Ma qalx li b'din il-kelma ried ifisser "nulla". Izda anke kieku ried ifisser

hekk, in-nullita' ta' att gudizzjarju, biex tirnexxi, trid taqa' taht il-parametri precizi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 789 (1) tal-Kap 12. Billi, kif inghad, it-tismija ta' artikolu tal-ligi ma hiex rekwizit specfiku li l-ligi titlob fl-att tac-Citazzjoni, la jista' jinghad li tali nuqqas jaghti lok ghal nullita' iddikjarata mil-ligi espressament [art. 789 (1)(a)] u lanqas li sehhet vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi [art. 789 (1)(c)];

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, ghalhekk, il-Qorti ssib li t-tieni eccezzjoni tal-konvenut m'ghandhiex tintlaqa';

Illi, ghar-rigward tal-ewwel eccezzjoni, il-konvenut isostni li l-azzjoni attrici "m'hijiex proponibbli u wisq anqas sostenibbli". Il-Qorti tifhem li, hawn, il-konvenut m'hux qed jirreferi ghan-nullita' tal-att tac-Citazzjoni, daqskemm dwar jekk il-kawza, kif imfassla, hijiex titlob rimedju jew inkella semplici konferma jew ratifika ta' ghamil li s-Socjeta' attrici diga' wettqet fil-konfront tal-konvenut. Waqt it-trattazzjoni, l-abbli konsulent legali tal-konvenut tenna li l-azzjoni hija generika u purament dikjaratorja: qal li, f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti m'ghandhiex tisma' l-kawza u ghandha tehles lill-imharrek milli joqghod fil-kawza. Min-naha l-ohra, l-abbli difensur tas-Socejta' attrici fiehem li s-Socjeta' attrici kellha tressaq din il-kawza minhabba li bejnha u l-konvenut kien inqala' disgwid dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tal-kuntratt tal-impieg tieghu, b'mod partikolari dwar kif tigi applikata dik il-parti tal-ftehim li titkellem dwar hlasijiet dovuti lill-konvenut minn *commissions;*

Illi, min dak li jissemma fit-tielet eccezzjoni tal-konvenut, jidher li t-tkeccija mill-impieg tal-konvenut sehhet minhabba li m'accettax li jiffirma l-ftehim ta' kuntratt ta' impieg li gie offert lilu fi Frar, 2000. Hemm jirrisulta (ara Klawsola 4.5, f'pagna 26 tal-process) li sar bdil proprju fil-klawsola dwar il-hlas ta' *commissions*, minn dik li l-partijiet kienu ftehmu dwarha fil-kuntratt ta' servizz originali f'Ottubru, 1997 (ara Klawsola 3.5, f'pagna 8 tal-process). Bla ma wiehed jidhol fil-mertu ta' din il-kawza, wiehed minnufih jintebah li l-bidla proposta mis-Socjeta' attrici fl-imsemmija klawsola hija

proprju dak li issa qeghda titlob lill-Qorti tiddikjara li kellha jedd taghmel waqt li l-konvenut kien impjegat maghha. Is-Socjeta' attrici tghid, anzi, li l-azzjoni qeghda ssir ghaliex il-konvenut qiehged jisfida l-jedd taghha li tvarja s-sistema tal-*commissions*, fil-konfront tieghu, jekk mhux ukoll fil-konfront tal-impjegati l-ohrajn taghha;

Illi huwa minhabba f'hekk li din il-Qorti trid tifli din l-eccezzjoni preliminari fid-dawl tal-kwestjoni tal-interess tal-partijiet. Illi, skond it-taghlim tal-awturi u l-bixra generali tad-decizjonijiet ta' dawn il-Qrati, l-interess gie mfisser bhala "*la misura dell'azione*". Mhux hekk biss, imma dan il-kejl irid juri tliet elementi, jigifieri jrid ikun (a) guridiku, billi jkun fih ipotesi tal-esistenza ta' dritt u ta' ksur tieghu; (d) dirett meta jesisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha u personali fis-sens li jirrigwarda lill-attur; u (c) atttwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, fi kliem iehor, il-ksur attwali ta' jedd fil-ligi konsistenti f'kondizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen dritt li jappartieni lid-detentur jew li lilu jisthoqq [ara sentenza Prim'Awla ( AM) tas-**27 ta' Marzu, 1990** fil kawza fl-ismijiet John Muscat et vs Rachelle Buttigieg et (Kollezz. Vol: **LXXIV.iii.481**)];

Illi, kif inghad ukoll fl-imsemmija sentenza, l-interess jista' jigi mfisser fil-qosor hafna bhala dritt appartenenti lill-attur li l-konvenut qed jirrifjuta li jirrikonoxxi (ibid, pag.490). Ghalhekk, dan igib mieghu l-konsegwenza li l-ewwel u l- aqwa interess guridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna ghandha, jigifieri li titlob li fil-konfront taghha ssir gustizzja, jew inkella li tikkoregi ingustizzja kommessa fil-konfront taghha [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) tat-**2 t'April, 1993**, fil-kawza fl-ismijiet Veronica Farrugia et vs Mary Buhagiar (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.98**)];

Illi dwar l-attwalita' tal-interess, l-awtur Mortara (Vol II, pag 588) jfisser dan l-element bhala "*l'utilita' finale della domanda giudiziale sul tema dell'asserita esistenza e violazione di un diritto*". Dan ifisser, ghalhekk, li jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantagguz jew utili ghal min jipproponiha

jew jekk dan ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-**27 ta' Mejju, 1991**, fil-kawza fl-ismijiet Michelangelo Bond vs Carmelo Mangion et (Kollez. Vol: **LXXVii.385**)];

Allura, fuq dan it-taghlim, wiehed jista jghid li biex wiehed jista' jinghad li ghandu interess guridiku li jipproponi azzjoni, hekk bzonn li l-kawza li jipproponi tkun tista' tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-**14 ta' Settrembru, 1988**, fil-kawza fl-ismijiet Maria Giulia Millard vs George Said et (Kollez. Vol: LXXII.ii.299)]. Minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-attwalita' tal-interess, tali interess irid jibqa' jsehh matul il-hajja tal-azzjoni, ghax meta dan l-interess jonqos, il-konsegwenza immedjata tkun li l-konvenut jigi mehlus milli jibqa' fil-kawza [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-**17 ta' Frar, 1993**, fil-kawza fl-ismijiet Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.246**)];

Issa, fil-kaz presenti, din il-Qorti ssib li s-Socjeta' attrici tiggustifika bis-shih l-ewwel zewg elementi tal-kuncett tal-interess, minhabba li l-kwestjoni bejnha u l-konvenut (indipendenti minn proceduri ohrajn bejniethom quddiem tribunal iehor) hija mhux biss wahda li fiha l-ipotesi tal-esistenza tad-dritt, izda wkoll li hija diretta u personali ghall-istess Socjeta' attrici. Jibqa' dubju izda, issa li l-kuntratt tal-impieg bejnha u l-konvenut intemm, dwar l-element tal-attwalita', ghaliex il-Qorti trid tkun konvinta li s-Socjeta' attrici ghad fadlilha xi utilita' minn dikjarazzjoni gudizzjarja dwar jedd taghha taht kuntratt li m'ghadux fis-sehh;

Illi l-Qorti tinnota li l-attrici fid-Dikjarazzjoni taghha, tghid (par 8) li "ghandha interess tottjeni dikjarazjzoni", imma ma tfissirx ghal liema ghan u fl-ebda waqt tat-trattazzjoni tal-eccezzjonijiet ma nghatat tifsira tal-istess. Dan l-ghan, madankollu, jidher li johrog mid-Dokument "E" (pag 33-35 tal-process), b'mod partikolari fit-tieni (2) u t-tielet (3) paragrafi tieghu;

Illi tali interess jinkwadra ruhu fil-qofol tal-kwestjoni tat-tkeccija mill-impieg tal-konvenut minn mas-Socjeta' attrici, kwestjoni li, bit-tifsira espressa tal-ligi, hija vestita esklussivament fit-Tribunal Industrijali skond l-artikolu 28 (1) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-**17 ta' Mejju, 1993**, fil-kawza fl-ismijiet Dr. Vincent Falzon noe vs Isabelle Grima (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.292**)];

Ladarba, ghalhekk, it-talba ewlenija tas-Socjeta' attrici f'din il-kawza hija marbuta daqshekk sfiq mar-raguni li wasslet ghat-tkeccija mill-impieg tal-konvenut, u ladarba tali tkeccija saret minn impieg ghal zmien indefinit, din il-Qorti ssib li l-interess attwali kif imfisser fuq ma jesistix;

Illi m'hemmx ghalfejn jinghad li t-tliet elementi tal-interess imfissra hawn fuq iridu jissussistu lkoll, biex wiehed jista' jghid li jkun radikat tali interess;

Illi, ghalhekk, mhux il-kaz li wiehed itawwal dwar it-tielet eccezzjoni tal-konvenut, minhabba dak li jinghad fil-paragrafi precedenti;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li **tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut**, **tilqa' l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tieghu** billi jonqos fis-Socjeta' attrici l-interess li taghmel din il-kawza u tehles lill-konvenut mill-harsien tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-istess Socjeta' attrici.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF.**

*17 ta' Jannar, 2001.*

**17 ta' Jannar, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**17 ta' Jannar, 2001.**